MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tal-21 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 1127/2011

**Clifford Agius bhala mandatarju tal-assenti John Curtin**

**Vs**

**Maltapost plc**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-16 ta' Novembru 2011, l-attur ippremetta li:-

Permezz ta' avviz numru 1000 tas-16 ta' Novembru 2007 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern numru 18150 li jgib l-istess data, il-Ministru ghall-Kompettivita' u Komunikazzjoni ordna li minhabba l-process ghall-bidla fil-

Ewro, bolli ta’ pustagg bid-denominazzjoni Lm biss mahruga mill-1 ta’ Jannar 1998 u wara m’humiex ser jiswew izjed bhala hlas bil-quddiem ta’ pustagg mill-1 ta’ Frar 2008 u wara.

L-istess avviz ipprovda li kull persuna li jkollha fil-pussess taghha xi bolli hemm invalidati f’kull zmien mill-1 ta’ Frar 2008 sal-31 ta’ Marzu 2008, tikkunsinahom lill-Maltapolst plc sabiex tibdilhom ma’ bolli ohra validi.

Fit-28 ta’ Frar 2008 l-attur ipprezenta Requisition of Exchange of Postage Stamps li biha talab li jinbidlu numri ta’ bolli b’valur ta’ tlieta u ghoxrin elf tmien mija u disa’ ewro u sebgha u disghin centezmu b’denominazzjoni Liri Maltin.

Il-konvenuta talbet ghall-prova tal-akkwist tal-bolli, li nghatat b’email tad-29 ta’ April 2008. Madankollu t-talba tal-attur giet michuda.

Ghalhekk l-attur talba lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenuta naqset milli tonora l-obbliga ttagha skond l-Avviz numru 1000 tas-16 ta’ Novembru 2007 mahrug taht l-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap. 254);
2. Tikkundanna lill-konvenuta tbiddel il-bolli oggett tal-applikazzjoni ma’ bolli ohra validi, ossija f’denominazzjoni ta’ l-Ewro b’valur ta’ 23,809.97;
3. F’kaz li ma tintlaqax it-talba fil-paragrafu precedenti, tiffissa terminu qasir u perentorju li fih il-konvenuta ghandha tezegwixxi l-obbligazzjonijiet taghha billi tibdel il-bolli oggett tal-applikazzjoni ma’ bolli ohra validi b’valur komplessiv ta’ 23,809.97.

Il-konvenuta wiegbet li (fol. 21):-

1. In-nullita’ tar-rikors guramentat ghaliex ma fihx dikjarazzjoni li tfisser b’mod car u sewwa l-oggett tal-kawza f’paragrafi numerati separatament, sabiex isahhah it-talbiet tal-attur nomine u li fiha huwa jiddikjara li jaf bihom personalment.

2. L-attur ghandu jaghti prova li l-bolli meritu tal-kawza ma kienux gew stampati u mibjugha biex ikunu wzati biss ghal finijiet ta’ filatelija.
3. It-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Il-konvenuta ma naqsitx milli tonora l-obbligi taghha skond l-Avviz 1000 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Il-konvenuta ghadha disposta li tibdel il-bolli ma’ bolli ohra validi ta’ valur ekwivalenti f’Ewro, f’kaz li l-attur igieb il-prova li l-bolli li jrid jibdel ma kienux gew stampati u sussegwentement mibjugha specifikatament biex jkunu wzati biss ghal fini ta’ filatelija.
4. L-attur qatt ma gab prova li l-bolli in kwistjoni ma kienux gew stampati u sussegwentement mibjugha biex jintuza ghal filatelija.

Ikkunsidrat:-

Il-kaz jitratta dwar bolli li l-attur irid li l-konvenuta tbiddel f’bolli ohra li huma validi u f’munita Ewro. Fil-qosor ‘il fatti huma s-segwenti:-

*i.* Fil-Gazzetta tal-Gvern kien gie ppubblikat avviz li b’ordni tal-Ministru ghall-Kompetittivita u Komunikazzjonijiet, skond l-Artikolu 36(2) tal-Kap. 254, *“postage stamps issued from 1$^{st}$ January 1998 onwards shall no longer be valid for prepayment of postage as from 1$^{st}$ February 2008. Any postal article stamped with postage stamps so invalidated shall be deemed not duly stamped for the purpose of the Postal Services Act.*

*Provided that any person having in his possession any postage stamps hereby invalidated, may from 1$^{st}$ February 2008 to 31$^{st}$ March 2008 surrender the same to Maltapost plc who shall exchange them for other valid postage stamps on an equal value.*

*This notice does not apply in respect of stamps printed or sold subject to the condition that they will be used only for purposes of philately.”* (fol. 7).

ii. L-attur ghamel talba sabiex jinbidlulu kwantita’ ta’ bolli. Permezz ta’ email datata 24 ta’ Settembru 2008, mibghuta minn Joseph Camilleri Chairman ta’ Stamp Exchange Board mahtur mill-konvenuta, gie nfurmat:-

*“I refer to your application of the 28 February 2008, wherein you requested to exchange Lm10,221.62 of Malta Lira denominated stamps.*

*I regret to advise that your application cannot be entertained in view that **these stamps were purchased from philatelic sources**. This decision has been based on Government Notice No. 1000 published on the 16 November 2007,”* (enfazi tal-qorti, fol. 13).

1. Permezz tal-ewwel eccezzjoni l-konvenuta qeghda ssostni li r-rikors guramentat hu null ghaliex ma fihx dikjarazzjoni li tfisser b’mod car u sewwa l-oggett tal-kawza f’paragrafi numerati. F’dan ir-rigward il-qorti tosserva:-

i. ghalkemm hu minnu li l-premessi tar-rikors guramentat m’humiex numerati, dan ma jista’ qatt iwassal ghan-nullita’ tal-att promotur;
ii. it-talbiet tar-rikors guramentat huma preceduti minn premessi, minn fejn l-oggett tal-kawza jirrizulta b’mod car. L-attur irid li l-bolli li ghandu fil-minuta ta’ qabel Ewro, jinbidlu mill-konvenuta. L-attur isostni li Maltapost plc ghandha dmir li tibdel il-bolli. Hu evidenti li skond l-attur dan l-obbligu li jirrizulta mill-avviz li gie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u datat 16 ta’ Novembru 2007.

2. Fil-meritu l-qorti tosserva li skond l-Artikolu 36(2) tal-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap. 254):-

*“Il-Ministru jista’ wara li jikkonsulta mal-operaturi postali involuti, b’avviż pubblikat fil-Gazzetta , jordna li bolli, li jkunu qed jiġu wżati meta jinħareġ dak l-avviż, m’għandhomx jibqgħu validi għall-ħlas bil-quddiem ta’ pustaġġ, u mill-jum u wara l-jum stabbilit f’dak l-avviż, kull*

*oġġett postali li jkollu fuqu bolli li jkunu ġew hekk dikjarati mhux validi, għandu jitqies li ma jkollux bolli fuqu kif imiss għall-finijiet ta' dan l-Att u ta' kull direttiva jew regolament magħmulin taħtu:*

*Iżda kull min ikollu fil-pussess tiegħu xi bolli invalidati mill-Ministru kif hawn aktar qabel imsemmi, jista' f'kull żmien sa xahrejn wara d-data msemmija f'dak l-avviż, jikkunsinnahom lill- istess operatur postali, li għandu jibdilhomlu ma' bolli oħra validi tal-istess valur."*.

Hu evidenti li l-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn bolli ta' pustagg li jinxtraw biex jintuza ghall-pustagg u bolli li jinxtraw ghall-filatelija. Il-qorti tosserva:-

(a) M'hemmx dubju li l-applikazzjoni giet prezentata fit-terminu ta' xahrejn li jissemmew fl-avviz. Fl-avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern jinghad li l-applikazzjoni kellha tigi pprezentata fl-1 ta' Frar 2008 sal-31 ta' Marzu 2008. B'email datata 12 ta' Marzu 2008 (fol. 9) Maltapost plc tat konferma li kienet irceviet l-applikazzjoni tal-attur.
(b) Fl-avviz jinghad li ma japplikax ghall-bolli *"printed or sold subject to the condition that they will be used only for purposes of philatelly."*. Ghalkemm il-konvenuta ma ghamlet riferenza ghall-ebda provvediment tal-ligi li jeskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 36(2) fir-rigward ta' bolli stampati jew mibjugha bil-kundizzjoni li jkunu wzati ghal fini ta' filatelija, f'dawn il-proceduri m'huwiex jigi mistharreg jekk l-ordni tal-Ministru kenitx *ultra vires*. Il-kawza li ppropona l-attur m'hijiex biex tigi mistharrga l-ordni tal-Ministru, u anzi l-attur ibbaza l-kawza fuq tali ordni fis-sens li l-konvenuta naqset milli tonora l-obbligu taghha skond l-imsemmi avviz.
(c) L-attur xehed li l-parti l-kbira ta' bolli meritu tal-kawza, kien xtrahom minghand George Roll, li l-qorti fehemet li kienet agenzija tal-filatelija. Bhala raguni ghalfejn l-applikazzjoni tal-attur giet michuda, inghad: *"[….]* ***in view of these stamps were purchased from philatelic sources.****"* (fol. 13). L-attur ipprezenta specimen tal-bolli li jrid jibdel (Dok. XX1 a fol. 46). M'hemm l-ebda prova li l-bolli li xtara Curtin kienu stampati jew inbieghu bil-kundizzjoni li jkunu uzati ghal fini ta' filatelija. 'Il fatt li

persuna meta xtrat il-bolli seta’ kellha l-intenzjoni li tuzahom ghal skop ta’ filatelija, ma jfissirx b’daqshekk li dawk il-bolli ta’ pustagg kienu *“stampati jew mibjughin bil-kundizzjoni li jkunu wzati ghal fini ta’ filatelija.”*. Ghaldaqstant, ghalkemm George Roll kienet agenzija filatelika ma jfissirx li xtrat il-bolli bil-kundizzjoni *“that they will be used only for purposes of philately.”*. Fil-fehma tal-qorti l-ahhar paragrafu tal-avviz kellu jigi nterpretat fis-sens li fil-mument li jkun qieghed isir il-bejgh tal-bolli, Maltapost plc tkun ghamlet kundizzjoni li l-bolli jkunu uzati biss ghal finijiet ta’ filatelija. L-avviz ma jghidx li l-bolli ma jinbidlux jekk ikunu nxtraw minghand agent tal-filatelija. Ghalhekk peress li m’hemmx prova li l-bolli in kwistjoni kienu *“stampati jew mibjughin bil-kondizzjoni li jkunu uzati ghal fini ta’ filatelija”*, japplika l-Artikolu 36(2) tal-Kap. 254. Il-qorti tosserva wkoll li:-

(i) Fl-Artikolu 36(2) tal-Kap. 254 m’hemm l-ebda distinzjoni bejn bolli li nxtraw ghall-pustagg u bolli li jinxtraw ghall-filatelija.
(ii) Min jallega jrid jipprova. Ghalhekk Maltpost plc kellha tipprova li l-bolli li jrid jibdel Curtin, kienet stampathom jew bieghethom **bil-kundizzjoni** li jintuzaw ghall-filatelija biss.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta.**
**2. Fil-meritu tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta.**
**3. Tilqa’ t-talbiet tal-attur u:-**

**(a) Tiddikjara li Maltapost plc naqset milli tibdel il-bolli tal-attur kif kellha obbligu li taghmel skond l-Avviz numru 1000 tas-16 ta’ Novembru 2007 li nhareg a bazi tal-Artikolu 36(2) tal-Att dwar is-Servizzi Postali;**
**(b) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex tibdel il-bolli oggett tal-applikazzjoni li kien ipprezenta l-attur bir-Requistion For Exchange of Postage Stamps (fol. 8), ma’ bolli validi b’valur komplessiv ta’ tlieta u ghoxrin elf tmien mija u disa’ ewro u seba’ u disghajn centezmu (Ewro23,809.97);**

**(c) Tiffissa terminu ta' erbghin (40) jum li fih il-konvenuta ghandha tibdel il-bolli tal-attur b'bolli ohra li huma f'denominazzjoni tal-Ewro.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuta**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------